MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tat-2 ta' April, 2003

Talba Numru. 3017/2002

***Café Bar (Malta) Limited***

***vs***

***Henry Sultana***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hamsa u erbghin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm145.46) rappresentanti il-kera dovuta in konnessjoni mal-kirja ta' magna tal-kafe minn ghand is-socjeta'  attrici u dana ghas-sena 2000.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota pprezentata mis-socjeta’ attrici fis-7 ta’ Marzu 2003, li permezz taghha hija cediet is-sorte tal-kawza stante pagament mill-konvenut, izda zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-mertu tal-kawza u dana fid-dawl tan-nota ta’ cessjoni pprezentata mis-socjeta’ attrici fis-7 ta’ Marzu 2003, jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici l-ispejjez ta’ dina l-istanza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------